MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 329/2014

**Joseph Fitz (KI 2941M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors guramentat ta' Joseph Fitz (K.I. 2941M) datat 15 ta’ April 2013 fejn espona: -

Illi r-rikorrent twieled fit-23 ta' Dicembru 1940 bhal ma jirrizulta mill-anness Att ta’ Twelid Nru 29 tas-sena 1941 (Dok A);

Illi fl-anness Dok 'A', fil-kolonna intestata 'isem u kunjom' ta' missier it-tarbija, l-isem u l-kunjom tal-missier huma mnizzla bhala ‘Edward Fitzz’;

Illi missier ir-rikorrent, Edward, twieled fid-29 ta' Mejju 1918, bhal ma jirrizulta mill-anness Att ta' Twelid Nru 2983 tas-sena 1918 (Dok B);

Illi fl-anness Dok 'B', fil-kolonna intestata 'isem u kunjom' ta' missier it-tarbija, l-isem u l-kunjom ta' missier Edward huma mnizzla bhala 'John Fitz’ u mhux, John Fitzz;

Illi fil-karta ta' l-identita' l-iktar ricenti, ir-rikorrent gie mnizzel bhala Joseph Fitzz (Dok C);

Illi kif jirrizulta mid-diversi dokumenti annessi, ir-rikorrent kif ukoll il-familja tieghu dejjem kienu rikonoxxuti bhala 'Fitz' (Dok D, Dok E, Dok F, Dok G, Dok H, Dok I u Dok J) u kif sejjer jigi ppruvat waqt is-smigh tal-kawza;

Illi, kif jirrizulta mid-diversi dokumenti annessi ma' dan ir-rikors, u kif sejjer jigi ppruvat waqt is-smigh tal-kawza, kunjom ir-rikorrent qatt ma kellu jitnizzel bhala 'Fitzz' fic-certifikat tat-twelid tieghu (estratt Dok A), izda kellu jitnizzel bhala 'Fitz' bhal ma tnizzel kunjom missier ir-rikorrent fic-certifikat tat-twelid tieghu (estratt Dok 'B');

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza, *ai termini* tal-artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant ir-rikorrent, prevja li din l-Onorabbli Qorti tordna l-hrug tal-avviz *ai termini* tal-artikolu 254 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1 Tiddikjara *ai* finijiet u effetti kollha tal-ligi li kunjom ir-rikorrent huwa 'Fitz' u mhux 'Fitzz';

2. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tar-rikorrent b'tali mod li jirrifletti li r-rikorrent huwa iben Edward Fitz u mhux Edward Fitzz;

3. Tordna lill-intimat sabiex jemenda kull att pubbliku tal-istess rikorrent bil-mod kif spjegat fit-tieni talba.

U dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez u l-intimat ngunti in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-17 ta' Gunju 2014.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur Registru Pubbliku datata 26 ta' Mejju 2014 (fol 23) fejn espona : -

1 Illi preliminarjament, qabel is-smigh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta;

2 Illi kuntrarjament ghal dak li gie premess fil-paragrafu 7 tar-rikors guramentat tar-rikorrenti, fuq l-att tat-twelid bin-numru 29/1941 (Dok. DRP 1) ma hemm ebda kunjom fir-rigward tar-rikorrent li gie ndikat u dan ghaliex fl-atti tat-twelid li saru qabel is-sena 2005, ma kienx jigi indikat il-kunjom tat-tarbija izda biss l-isem. Illi l-kunjom li kien gie indikat huwa dak ta' missier ir-rikorrenti u cioe' Edward.

3 Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, fiz-zmien li kien gie registrat l-att tat-twelid tar-rikorrenti fis-sena 1941, ma kienx hemm sistema kompjuterizzata ta' gabra u kkonservar ta' informazzioni u dokumenti. Ghalhekk l-ufficjali inkarigati mill-kitba tal-atti tat-twlied kienu jistriehu fuq id-dikjarazzjoni ta' dak li jafferma l-korrezzjoni ta' l-informazzjoni li titnizzel fl-att in kwistjoni.

4 Illi fl-att tat-twelid tar-rikorrenti kienet certu Mary Carmela Vella li kienet id-dikjaranta u li tat l-informazzjoni kollha li mbaghad tnizzlet fic-certifikat tat-twelid. Hi ffirmat ukoll l-att u allura kkonfermat li d-dettalji li jinsabu fl-att huma korretti.

5 Illi rigward t-talba numru 3 tar-rikors promotur, biex din tintlaqa' r-rikorrenti jrid jindika bi precizjoni l-atti tal-istat civili li jrid li jinbidlu u ghandu jindika n-numri tal-atti u s-sena relattiva taghhom.

6 Illi bla hsara ghall-premess, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talba u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

7 Illi bla pregudizzju ghal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

8 Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-17 ta' Gunju 2014 fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr Ivan Mifsud ghall-attur prezenti, u Dr. Maurizio Cordina ghall-intimat Direttur. Dr. Cordina ddikjara li m' ghandux oppozizzjoni

ghat-talba tal-attur salv ghar-rigward tat-talba tal-ispejjez. Il-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi. Il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghall-15 ta’ Lulju 2014.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi l-atturi qed jagħmlu din it-talba *ai termini* tal-artikoli **253 *et sequitur*** tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta’ ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament (fol.18 tal-process).

Illi din il-kawza titratta dwar talba maghmula mill-attur sabiex issir il-korrezzjoni mehtiega fl-att tat-twelid tieghu billi l-kunjom indikat bhala kunjom missieru 'Fitzz' jigi korrett billi kunjom missieru, u sussegwentement kunjom l-istess rikorrent, huwa 'Fitz'.

Ir-rikorrent ressaq provi dettaljati li permezz taghhom irnexxielu jipprova a soddisfazzjon ta' din il-Qorti, li kien sar zball fir-registrazzjoni ta' kunjom missieru fuq l-att tat-twelid in mertu. L-iktar prova rilevanti huwa c-certifikat tat-twelid ta' missieru (DOK B) minn fejn jirrizulta li l-kunjom tan-nannu patern hu 'Fitz'. Ir-rikorrent esebixxa kopji ta' diversi certifikati u dokumenti ta' identita li juru li kemm hu, kif ukoll membri tal-familja tieghu huma rikonoxxuti u registrati bil-kunjom 'Fitz.'

Fid-dawl tal-premess il-Qorti jidhrilha li  t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fil-ligi u ghandhom jigu akkolti.

L-intimat eccepixxa li fiz-zmien ta' registrazzjoni tal-att tat-twelid tar-rikorrent, fis-sena 1941, ma kienx hemm sistema kompjuterizzata ghall-gabra ta' informazzjoni u l-ufficjal inkarigat mid-dipartiment kien jistrieh fuq id-dikjarazzjoni ta' dak li jiffirma l-att. F'dan il-kaz, id-dikjarant kien M.C. Vella. Ghalhekk jirrizulta li l-izball ma jistax jkun imputabbli lill-intimat.

Il-Qorti tikkondividi din il-fehma u tqis li l-konvenut ma jaħtix għall-izball li sar u ma għandux ibati spejjeż.

Illi riferibbilment ghat-tielet talba attrici huwa minnu, kif eccepixxa l-intimat, li l-atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattivi tagħhom(art 253(3) tal-Kap 16. Dan gie omess mir-rikorrent. Il-Qorti, sabiex tevita l-htiega ta' proceduri ulterjuri, ser tordna lir-rikorrent sabiex fi zmien ghoxrin (20) gurnata tas-sentenza, jipprezenta nota fir-Registru ta' din il-Qorti li ghandha tigi notifikata lill-Intimat, f'liema ghandu jindika n-numru u s-sena tal-atti relattivi sabiex il-kunjom tar-rikorrent ikun registrat bhala Fitz u dan jigi rifless, fejn mehtieg, fic-certifikati relattivi ghad-dixxendenti tieghu.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi:

1 **Tilqa'** l-ewwel talba attrici u tiddikjara *ai* finijiet u effetti kollha tal-ligi li kunjom ir-rikorrent huwa 'Fitz' u mhux 'Fitzz';

2. **Tilqa'** it-tieni talba attrici u tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tar-rikorrent b'tali mod li jirrifletti li r-rikorrent huwa iben Edward Fitz u mhux Edward Fitzz;

3. **Tilqa'** it-tielet talba attrici billi tordna lir-rikorrent sabiex jipprezenta nota fir-Registru ta' din il-Qorti fi zmien ghoxrin (20) gurnata millum, bin-notifika lill-Intimat, f'liema ghandu jindika n-numru u s-sena tal-atti relattivi, u tordna lill-istess Intimat sabiex jikkorregi dawn l-atti billi il-kunjom tar-rikorrent ikun registrat bhala' Fitz' u li din il-korrezzjoni tigi riflessa fejn mehtieg, fic-certifikati relattivi ghad-dixxendenti tar-rikorrent.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Onorabbli Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------